**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 19 ta' Frar 2001.

Il-Pulizija
Sup. Patrick Spiteri
Spt. John Sacco

Vs

Carmel Calleja

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Calleja ta' 47 sena, bin il-mejjet Anthony u Mary nee' Camilleri imwieled l-Imsida fl-14 ta' Ottubru, 1953, residenti 54, Norma House, Sisters Street, Tarxien, li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 787453 (M);

Talli fis-6 ta' Mejju 1999, ghall-habta tas-6.30pm u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma regolari tal-ghamla Beretta (PSF 1958) mudell Brevettato 950 tal-kalibru 6.35 mm bin-numru serjali 2061, kif ukoll 40 balla (round) ta' munizzjon tal-kalibru 6.35 mm, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

ii) U talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi meta kellu fil-pussess tieghu l-istess arma tan-nar u/jew munizzjon imsemmija hawn fuq ma' tax avvizz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;

iii) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi u/jew f'dati qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew that mill-kontroll tieghu l-imsemmija arma u munizzjon u liema importazzjoni hija projbita u jew/ristretta u liema valur totali huwa ta' Lm20 b'dazju ta' Lm1.62 u Lm2.00 b'dazju ta' Lm016.2 rispettivament.

iv) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu oggetti li huma soggetti ghal Taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) u liema taxxa/dazju tammonta ghall-valur totali ta' Lm23.78,2 li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' Lm3.56,7 u liema Taxxa ma' gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan kollu bi ksur tal-artikolu 60(a), (b), (c), (k), l-artikolu 62 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (I), (k), kif ukoll paragrafu (a) tal-provisio tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1999), tal-Ligijet ta'Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (I) (k),kif ukoll paragrafu a tal-privisio tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, u l-artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti;

U wara illi semghet l-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi Carmel Calleja hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imsemmi imputat ghall-piena karcerarja ta' sena (1) , liema m'ghandux jibda jsehh, jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, l-imputat jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Din il-Qorti qeghda tordna wkoll lill-imputat, sabiex ihallas l-ammont ta' hamsa u erbghin lira maltin u tmienja u seghin centezmu  u zewg millezmu (Lm45.78, 2) lid-Dipartiment tad-Dwana, kif ukoll qeghda tordna l-konfiska tal-arma u munizzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.